ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 50(2)(a), tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi ta' kwalità għall-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(2016/C 359/10)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt li wieħed jopponi għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1].

TALBA GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA MHUX MINURI FL-ISPEĊIFIKAZZJONI TA' DENOMINAZZJONI TAL-ORIĠINI PROTETTA JEW TA' INDIKAZZJONI ĠEORAFIKA PROTETTA

Talba għall-approvazzjoni ta' emenda skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

"FOIN DE CRAU"

Nru tal-UE: PDO-FR-02091 — 18.11.2015

DOP (X) IĠP ( )

1. **Grupp applikant u interess leġittimu**

Comité du Foin de Crau

Indirizz: 10 rue Léo Lelée
13310 Saint-Martin-de-Crau
FRANCE

Tel. +33 490472933
Fax +33 490474209
Posta elettronika: comite@foindecrau.com

Il-Comité du Foin de Crau hu kompost minn produtturi tal-"Foin de Crau" u għalhekk, għandu interess leġittimu biex jissottometti l-applikazzjoni.

2. **Stat Membru jew Pajjiż Terz**

Franza

3. **L-intestatura fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwat mill-emenda/i**

— ☐ Isem tal-prodott

— ☒ Deskrizzjoni tal-prodott

— ☒ Żona ġeografika

— ☒ Prova tal-oriġini

— ☒ Metodu ta' produzzjoni

— ☐ Rabta

— ☒ Tikkettar

— ☒ Oħrajn [dettalji tal-awtoritajiet kompetenti u l-istrutturi ta' kontroll ikkoordinati tal-grupp, kontrolli, rabta]

4. **Tip ta' emenda(i)**

— ☐ Emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li ma tistax titqies bħala emenda minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

[1] ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

— ☒ Emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata, li għaliha ma jkunx ġie ppubblikat dokument uniku (jew ekwivalenti), li ma tistax titqies bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

5. **Emenda(i)**

Deskrizzjoni tal-prodott

Id-deskrizzjoni tal-prodott ġiet riveduta u mwessgħa sabiex tispeċifika iktar l-ispeċifiċità tal-"Foin de Crau":

— il-karatteristiċi tal-kompożizzjoni floristika tiegħu, li ma jinbidlux, ġew speċifikati f'din it-taqsima. Qabel kienu taħt it-taqsima "Metodu ta' produzzjoni"; ġie speċifikat li l-"Foin de Crau" jiġi minn mergħat naturali permanenti komposti minn għoxrin speċi ta' foraġġ spontanji.

— b'mod konformi mal-prattiki, ġie speċifikat ukoll li hu magħmul minn ħuxlief li jkun nixef bix-xemx f'għalqa. Il-prattika ma nbiddlitx iżda din l-ispeċifikazzjoni teskludi l-possibbiltà ta' tnixxif f'matmura li jwassal biex jinqabżu l-ispeċifiċitajiet tal-klima lokali.

— ġie speċifikat li l-ħuxlief ma jiddegradax kawża tax-xita. Dan jagħti garanzija għal ħuxlief ta' kwalità għolja.

— żdied il-karattru ftit jew wisq raff tal-ħjut tal-ħuxlief. Tabilħaqq, il-mod kif jinqatgħu l-ħjut jista' jagħmilhom inqas raffi. Bl-istess mod, ħuxlief "bla weraq" jiddependi mill-qtugħ u hu kkorrelat mal-karattru ftit jew wisq raff tal-ħjut. Jekk l-ewwel qtugħ ikun ta' ħjut ħoxnin u bla weraq, it-tieni u l-iktar it-tielet qtugħ, ikollhom iktar weraq u ħjut inqas raffi. Hu propost li titħassar ir-referenza għall-karattru "bla weraq" tal-ħuxlief. L-abbozz tal-proposta l-ġdida tqis il-karatteristiċi ta' kull qtugħ mingħajr ma temenda l-karatteristiċi ġenerali u essenzjali tal-"Foin de Crau".

— tħassret ir-referenza għar-rikkezza partikolari fil-minerali u l-enerġija tal-"Foin de Crau" u mhijiex assoċjata mad-definizzjoni li tikkorrispondi mal-valuri minimi. Barra minn hekk, il-palat u l-mod partikolari ta' diġestjoni tal-"Foin de Crau", għalkemm rikonoxxuti mill-utenti, huma diffiċli biex jitkejlu, ir-referenza għal dawn il-karatteristiċi tħassret f'din it-taqsima tal-ispeċifikazzjoni. Marbuta mal-intensità qawwija olfattiva, il-karattru "apetituż" tal-ħuxlief jissemma fit-taqsima "rabta mal-oriġini ġeografika" tad-dokument uniku u tal-ispeċifikazzjonijiet.

— il-modi ta' preżentazzjoni għall-bejgħ tal-"Foin de Crau" huma speċifikati (il-ħuxlief jitpoġġa f'munzell) u estiżi għall-produzzjoni ta' ħuxlief fil-boroż b'piż massimu ta' 10 kilogrammi kull borża. Is-suq tal-boroż ilaħħaq mad-domanda tas-supermarkits kbar u tad-DIY, ċentri għall-ġardiniera, u negozji tal-annimali u servizzi agrikoli liberi. Id-daqs tal-boroż jista' jvarja skont id-domanda. Il-produzzjoni tal-boroż mill-munzelli tal-"Foin de Crau" ma taffettwax il-kwalità u l-karatteristiċi tal-ħuxlief jekk tingħata attenzjoni speċjali fit-tħejjija tiegħu, billi tiġi kkontrollata l-priżervazzjoni tal-ispeċi ta' pjanti speċifiċi tal-"Foin de Crau". Il-kwalità tal-ħuxlief hi żgurata billi tiġi rrispettata r-rata massima ta' umdità ta' 14 % tal-muzelli u jinħażen għall-anqas għal 60 jum qabel jitpoġġa f'munzelli minn meta jkun sar il-ħsad.

Żona ġeografika

Konfini taż-żona ġeografika tal-"Foin de Crau" approvati oriġinarjament fl-1997, kienu inklużi fuq talbiet individwali minn produtturi tal-ħuxlief, partijiet ġodda ta' muniċipalitajiet li diġà jagħmlu parti miż-żona ġeografika tal-"Foin de Crau" (Grans, Istres, Lamanon u Salon-de-Provence). Din l-integrazzjoni hija proposta wara li ġie vverifikat li hemm relazzjoni mal-istess kriterji ġeoloġiċi, pedoloġiċi, klimatiċi u floristiċi tal-konfini mal-bqija tad-denominazzjoni tal-oriġini.

Barra minn hekk:

— hu speċifikat li l-"Foin de Crau" hu prodott li jsir fil-pjanura ta' Crau fid-dipartiment ta' Bouches-du-Rhône;

— hu speċifikat li l-imballaġġ tal-ħuxlief (f'munzelli minħabba li dan il-proċess isir waqt il-ħsad, iżda wkoll it-tqegħid fil-boroż) isir fiż-żona ġeografika. Il-ġustifikazzjoni għat-tqegħid tal-ħuxlief fil-boroż fiż-żona ġeografika tingħata fl-ispeċifikazzjoni u fid-dokument uniku;

— hu speċifikat li l-muniċipalitajiet taż-żona peografika jinżammu fil-parti tagħhom u tiġi indikata b'mod grafiku billi jiġu stabbiliti l-konfini taż-żona ġeografika u jintbagħtu lill-kunsill lokali responsabbli mis-servizzi tal-Istitut nazzjonali tal-oriġini u l-kwalità (INAO). Għal dawn il-muniċipalitajiet, iż-żona kartografika tista' tiġi kkonsultata fuq is-sit tal-Internet tal-awtorità kompetenti nazzjonali b'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva INSPIRE.

— fit-test kollu ta' din it-taqsima, it-terminu "mergħa" ġie ssostitwit bit-terminu "roqgħa agrikola" peress li hu iktar xieraq. Ġew speċifikati l-proċeduri ta' identifikazzjoni tal-irqajja' agrikoli li fihom isir il-ħsad tal-"Foin de Crau": din l-identifikazzjoni issir abbażi tal-kriterji stabbiliti mill-Kumitat Nazzjonali INAO fit-23 ta' April 1997, il-lista tal-irqajja' agrikoli identifikati u l-kriterji ta' identifikazzjoni huma disponibbli mill-INAO u l-grupp involut.

Prova tal-oriġini

L-intestatura "Evidenza li l-prodott joriġina fiż-żona ġeografika" ġiet ikkonsolidata u tiġbor fiha, b'mod partikolari, l-obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' żamma ta' reġistri li jirrigwardaw it-traċċabbiltà tal-prodott u l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tal-produzzjoni.

Barra minn hekk, f'din it-taqsima żdiedu diversi dispożizzjonijiet relatati mar-reġistri u mad-dokumenti ta' dikjarazzjoni li jiggarantixxu t-traċċabbiltà u l-kontroll tal-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjoni.

Metodu ta' kisba

— Kultivazzjoni tal-mergħa: ġiet speċifikata l-lista tal-ispeċi ta' pjanti li tinkludi b'mod obbligatorju u fil-biċċa l-kbira l-"Foin de Crau". Żdiedu l-ismijiet latini li jiddeskrivu dawn l-ispeċi. Barra minn hekk, żdiedet ukoll il-lista ta' pjanti li l-preżenza tagħhom teskludi l-benefiċċju tad-denominazzjoni sabiex tiċċara l-kunċett ta' mergħa li jkollha "bilanċ ta' flora determinat" u tiżgura l-konformità tal-ħuxlief magħmul f'dawn il-mergħat mal-karatteristiċi tad-denominazzjoni tal-oriġini tal-prodott.

— Impjantazzjoni tal-mergħa: sabiex jiġi żgurat il-karattru "naturali" tal-mergħat ta' "Foin de Crau", qed jiġi ppreċiżat li l-benefiċċju tad-denominazzjoni tal-oriġini "Foin de Crau" ma jistax jingħata lill-ħuxlief li jkun ġej minn mergħat li minn fuqhom ma tkunx għaddiet il-ħames sena li fiha tkun saret l-impjantazzjoni.

— Tisqija: tneħħa r-rekwiżit ta' tisqija tal-mergħat kull tmien sa tnax-il jum minn Marzu sa Ottubru għal bosta sigħat skont id-distribuzzjoni tat-torri tal-ilma. Fil-fatt, it-tisqija għandha tiġi ġestita skont kemm tinżel xita; mhijiex sistematika. Barra minn hekk, il-produttur ma jagħżilx it-torrijiet tal-ilma hu; dawn ikunu imposti mill-assoċjazzjoni awtorizzata tal-unions ta' dawk li jsaqqu u li dawn ikunu jiddependu minnha. Il-prattika importanti li għandha tinżamm fil-produzzjoni tal-"Foin de Crau" ta' kwalità hija t-tisqija bil-gravità permezz tal-għargħar tal-mergħat li tista' ssir minn Marzu sa Ottubru inkluż.

— Fertilizzazzjoni: ġie propost li jitnaqqsu d-dożi tan-nitroġenu minerali introdotti minn 60 unitajiet kull ettaru għal 40 massimu. L-esperjenza ta' bosta snin ta' produzzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini turi li mhux neċessarju li jitpoġġew 60 unitajiet ta' nitroġenu minerali f'kull ettaru.

— Emendi: tħassret ir-referenza għall-proċessi u d-dati ta' applikazzjoni tad-demel magħżula ta' dan it-tip sabiex ma jkunx hemm demel fil-ħuxlief sakemm dawn il-proċessi u d-dati ta' applikazzjoni tad-demel mhumiex definiti x'imkien ieħor għajr f-ispeċifikazzjoni u għalhekk jibqgħu inkontrollabbli. Madankollu, jinżamm ir-rekwiżit li ma jinstabux traċċi tad-demel fil-ħuxlief. Barra minn hekk, ġew speċifikati l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tad-demel u tal-kontroll tal-użu tal-fertilizzanti organiċi ta' oriġini agrikola u mhux agrikola. Ġie speċifikat li "l-uniċi fertilizzanti organiċi awtorizzati huma komposti jew diġestati, demel, demel likwidu, demel (ta' oriġini agrikola) u demel organiku ta' oriġini mhux agrikolu, tip ta' ħama ta' drenaġġ (jew prodotti sekondarji), skart veġetali". Barra minn hekk, ġie speċifikat li: "kull applikazzjoni tad-demel mhux agrikolu għandha tkun akkumpanjata b'segwitu analitiku għal kull kunsinna (trakk, tanker…) tal-patoġeni, tal-metalli tqal u l-komposti mit-traċċi organiċi li baqgħu fir-regolamentazzjoni. L-applikazzjoni tal-fertilizzanti organiċi ta' oriġini mhux agrikola hija awtorizzata fuq l-uċuħ tar-raba' maħduma, iżda bi dfin immedjat, u skont ir-regolamentazzjoni fis-seħħ fir-rigward tal-limitazzjonijiet partikolari (dati, perimetri protetti, …), fir-rigward tal-kwantitajiet. Hu neċessarju li wieħed jirrispetta l-perjodu ta' dewmien wara l-applikazzjoni tad-demel ta' mill-anqas 8 ġimgħat qabel isir il-ħrit jew ir-ragħa". Dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu li jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' kontaminazzjoni tal-ħuxlief mill-elementi li jniġġsu.

— Ħsad jew ħżin tal-ħuxlief: Id-dispożizzjoni "il-ħsad hu maqsum fi tliet qatgħat" ġiet emendata u miżjuda.

Jiġi offrut lill-produtturi sabiex ikollhom il-possibbiltà li jibdluh kull sena, qatgħa waħda mit-tlieta għal kull mergħa. Tabilħaqq, il-produzzjoni tal-"Foin de Crau" u t-trobbija (speċjalment tal-mogħoż) imorru flimkien. Ir-raħħala tradizzjonalment jipprattikaw sistema ta' ragħa magħrufa bħala "tat-tieni wiċċ" lejn l-aħħar ta' Frar, wara t-tielet qatgħa, li hi ta' benefiċċju għall-mergħat ta' Crau. Madankollu, fil-każ ta' nuqqas ta' foraġġ f'ċerti perjodi matul is-sena (fir-rebbiegħa fi Crau jew fis-sajf fil-mergħat tal-muntanji għoljin), il-merħliet ikollhom għaldaqstant jirrikorru għal riżorsi magħmula mill-foraġġ li l-mergħat tar-ragħħa fi Crau jissostitwixxu mal-ewwel u t-tielet qatgħa. Din il-prattika ma timmodifikax il-kwalità floristika tal-mergħat sakemm jiġi rrispettat il-perjodu minimu bejn il-qtugħ u r-ragħa. Sabiex ikun żgurat li jikber biżżejjed ħaxix u jkun hemm l-aqwa żvilupp tal-ispeċi ta' pjanti, mingħajr ma jkun intlaħaq livell għoli ta' maturità li jista' jkun ta' dannu għall-palat u għall-valuri ta' foraġġ tal-ħuxlief, hu speċifikat ukoll li l-ewwel qatgħa ssir għallanqas 60 jum wara r-ragħa u li l-perjodu bejn iż-żewġ qatgħat ikun bejn erbgħin u sittin jum.

Ġie propost ukoll li jiġu mħassra l-iskadenzi għall-implimentazzjoni tal-qatgħat varji li kienu oriġinarjament iffissati għall-31 ta' Mejju, il-25 ta' Lulju u t-t-30 ta' Settembru, għajr għal xi eċċezzjoni. Tabilħaqq, il-kwalità tal-ħuxlief tiddependi mill-maturità tal-ħaxix. Din hija kkundizzjonata minn kemm idum biex jikber. Għalhekk, hu importanti li jiġu mħarsal-iskadenzi ffissati bejn kull qatgħa u bejn kull qatgħa u r-ragħa. Rigward it-tnixxif tal-ħaxix maqtugħ, ġie speċifikat, skont prattiki lokali antiki, li dan għandu jsir fl-għelieqi. It-tnixxif fil-matmura hu għaldaqstant esklużż. It-tnixxif naturali hu iktar ippreferut minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi jibqgħu fl-istat naturali (xemx u riħ).

Id-dispożizzjoni tindika li l-ħuxlief ma għandux jibqa' fl-għalqa għal iktar minn ħamest ijiem għall-ewwel u t-tielet qatgħa, iktar minn tlitt ijiem qabel titneħħa t-tieni qatgħa minħabba li l-iskadenzi jkunu wisq arbitrarji. Fil-fatt, l-aqwa żmien għat-tnixxif tal-ħuxlief fl-għalqa jiddependi sew mill-kundizzjonijiet klimatiċi. Għalhekk, il-ġestjoni ta' dan iż-żmien jeħtieġ is-sengħa tal-produtturi.

Sabiex titneħħa kwalunkwe ambigwità, hu speċifikat li wara li jsir it-tnixxif fl-għalqa, il-ħuxlief jitqiegħed f'munzelli. Iddaħħlu dispożizzjonijiet relatati mat-tqegħid f'munzelli: sabiex jiġi identifikat il-prodott, it-tqegħid f'munzelli jsir bi spaga b'żewġ kuluri komposta minn ħajt abjad u ħajt aħmar u biex tinżamm il-kwalità tal-ħuxlief, il-ħuxlief għandu jitgħabba fl-istess ġurnata sabiex jiġi evitat li jitla' l-livell tal-umdità tal-ħamrija matul il-lejl, ħlief f'każijiet ta' riħ qawwi mill-Majjistral (riħ xott u qawwi mit-Tramuntana/Majjistral) fejn il-munzelli jistgħu jinżammu lejl fl-għalqa.

Sabiex titneħħa kwalunkwe ambigwità fuq il-kundizzjonijiet tal-ħżin, id-dispożizzjoni "il-ħuxlief jinħażen f'remissa u għandu jkun iżolat mill-ħamrija u l-ħitan tar-remissa" hija emendata kif ġej: "il-ħuxlief jinħażen f'remissa filwaqt li wieħed jara li ma jkunx hemm kuntatt mal-umdità tal-ħamrija u l-ħitan", l-uċuħ tal-art u tal-ħitan tar-remissa mhemmx għalfejn ikunu magħmula minn materjal iżolanti. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni hija miżjuda billi tispeċifika li dan ma japplikax għall-bejgħ "fuq il-post" jew "bil-karretta" li jikkorrispondi għal bejgħ mgħaġġel ħafna tal-ħuxlief wara li jkun tqiegħed f'munzelli fl-għalqa.

Rendiment tal-produzzjoni:

ġie introdott rendiment totali massimu tal-produzzjoni tal-ħuxlief li jammonta għal mhux iktar minn 11-il tunnellata għal kull ettaru ta' mergħa sabiex jinżammu l-livelli ta' rendiment biex tiġi ggarantita l-kwalità tal-prodott, iżda wkoll sabiex ikunu ffaċilitati l-kontrolli fuq it-traċċibbiltà u l-volumi. Dan ir-rendiment hu tabilħaqq karatteristika tal-"Foin de Crau", il-livelli tar-rendimenti osservati fi mergħat ta' oriġini ġeografiċi oħra huma ġeneralment ogħla. Il-limitu fuq ir-rendiment jiżgura konformità mad-dożi tan-nitroġenu mitfugħa, kwantità eċċessiva tista' tibdel il-karatteristiċi floristiċi tal-ħuxlief. Ġie speċifikat ukoll li dan ir-rendiment hu kkalkulat fuq it-total tal-irqajja' agrikoli kollha identifikati tal-azjendi agrikoli tal-produzzjoni tal-ħuxlief destinat għad-denominazzjoni tal-oriġini,

imballaġġ tal-ħuxlief: kif indikat iktar 'il fuq taħt il-bidla fid-deskrizzjoni tal-prodott u l-modi ta' preżentazzjoni tiegħu, hemm il-possibbiltà li jinbiegħ taħt id-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Foin de Crau" fil-boroż. Sabiex tkun żgurata l-kwalità tal-ħuxlief u jitqiegħed fis-suq, il-kundizzjonijiet speċjali tal-imballaġġ fil-boroż huma mfissra sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-prodott u l-imballaġġ mingħajr ma jkun hemm riskju ta' danni jew fermentazzjoni, il-ħuxlief fil-boroż għandu jkun niexef sew u jkun diġà waqaf jimmatura. Il-ħuxlief meta jkun lest għandu jkollu kontenut massimu ta' umdità ta' 14 % u jinħażen għallanqas 60 jum minn meta jkun sar il-ħsad. Baarra minn hekk, sabiex tkun żgurata l-konformità mal-karatteristiċi tal-prodott fil-ħin, hu speċifikat li "Il-boroż ma jkunux maħżuna f'post umdu jew bix-xemx fuqhom. Il-boroż tal-ħuxlief ma jistgħux jibqgħu jiġu ċċirkulati fis-suq taħt id-DOP 'Foin de Crau' jekk ikunu ilhom maħżuna għal iktar minn 6 xhur mid-data tal-imballaġġ fil-boroż." Ukoll biex tiġi żgurata t-traċċibbiltà tal-prodott lill-utent finali, hu propost li l-boroż jingħalqu "permezz ta' sistema tamper-proof li ttellef l-integrità tal-prodott ladarba jinfetaħ."

L-imballaġġ fil-boroż tal-"Foin de Crau" għandu jsir mill-operaturi fis-settur fiż-żona ġeografika tad-denominazzjoni tal-oriġini protetta. Dan ir-rekwiżit għandu objettiv doppju biex iħares il-kwalità billi jissalvagwardja u jiżgura l-oriġini ġeografika tad-DOP "Foin de Crau". Dwar il-kwalità, dan għandu jippriżerva l-karatteristiċi tal-prodott inkluża l-kompożizzjoni floristika tiegħu. Tabilħaqq, l-imballaġġ fil-boroż jirrikjedi proċess (tneħħija tar-rabta mal-post u l-identifikazzjoni tal-munzell, il-ħatt tal-munzell), jippreżenta r-riskju li jelimina ċerti speċi (l-ispeċi l-iktar ħfief bħax-xnien, jista' jonqos fit-trab u jiġi eliminat meta l-munzell tal-ħuxlief jinħatt u jkun soġġett għal mina tar-riħ) u jimmodifika l-karatteristiċi tal-ħjut tal-ħuxlief (preżenza eċċessiva ta' trab). Il-verifika tal-konformità finali tal-prodott, partikolarment il-preżenza tal-ispeċi ta' pjanti, tirrikjedi l-għarfien tal-operaturi fis-settur. Dwar il-garanzija tal-oriġini ġeografika tal-prodott, din il-kundizzjoni tnaqqas ir-riskju tas-sostituzzjoni jew tat-taħlit tal-prodott ma' ħuxlief ta' oriġini ġeografika oħra, li jista' jiżdied minħabba l-proċess meħtieġ biex jiġi mballat fil-boroż.

Tikkettar

Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi fuq it-tikketta huma konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 u jispeċifikaw il-mod ġdid kif se jiġi preżentat għall-bejgħ il-"Foin de Crau" fil-boroż. L-użu tas-simbolu tal-Unjoni Ewropea għad-DOP u l-kliem "denominazzjoni tal-oriġini protetta" huma obbligatorji li jissemmew fit-tikkettar tal-prodott tad-denominazzjoni tal-oriġini protetta tal-"Foin de Crau".

Oħrajn

— Fir-rigward tal-iżviluppi leġiżlattivi u regolamentari nazzjonali, it-taqsima "Esiġenzi nazzjonali" hija ppreżentata fil-forma ta' tabella ta' punti prinċipali li għandhom jiġu kkontrollati, il-valuri ta' referenza tagħhom u l-metodu ta' evalwazzjoni tagħhom.

— Taqsimiet "Referenzi għall-istrutturi tal-kontroll" u "awtorità kompetenti tal-Istat Membru" u l-grupp ta' kuntatt: l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-korpi uffiċjali ta' kontroll kif ukoll id-dettalji tal-grupp ġew aġġornati.

— Prova tal-oriġini: Thassru l-elementi relatati mal-istorja tal-isem minn taħt din it-taqsima u ddaħħlu għal darb'oħra, fit-taqsima "Rabta maż-żona ġeografika".

— Rabta: Minħajr ma jiġu emendati l-għeruq, ir-rabta intima bejn il-produzzjoni tal-"Foin de Crau" u l-bhejjem hija espliċita tant li tispjega li jistgħu jiġu prodotti żewġ jew tliet qatgħat ħuxlief assoċjati ma' mergħa waħda jew tnejn minħajr ma jiġu affettwati la l-kwalità u lanqas il-karatteristiċi tal-"Foin de Crau".

DOKUMENT UNIKU

"FOIN DE CRAU"

Nru tal-UE: PDO-FR-02091 — 18.11.2015

DOP (X) IĠP ( )

1. **Isem/Ismijiet**

"Foin de Crau"

2. **Stat membru jew pajjiż terz**

Franza

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 2.9. Ħuxlief

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1*

Il-"Foin de Crau" ġej mill-mergħat naturali permanenti komposti minn għoxrin foraġġ spontanju (ħaxix, legumi, komposti u oħrajn). Hu kompost primarjament mill-qamħ (Arrhenatherum elatius P. Beauv. ex J. Presl & C. Presl), mid-dekkuka (Dactylis glomerata L.), mix-xnien vjola (Trifolium pratense L.) u xnien abjad (Trifolium repens L.).

Il-"Foin de Crau" jitnixxef f'għalqa fix-xemx. Dan m'għandux ikun ġarrab degradazzjoni minħabba x-xita. Għandu dehra viżiva partikolari marbuta mal-ħjut ftit jew wisq ħoxnin ta' kulur aħdar u intensità qawwija olfattiva inkluż karattru floristiku.

Il-"Foin de Crau" jinbiegħ f'munzell jew f'borża (massimu ta' 10 kilogramma).

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *Stadji speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-proċess kollu mill-produzzjoni sat-tnixxif tal-ħuxlief isir fiż-żona ġeografika.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-tħakkik, l-ippakkjar, eċċ., tal-prodott li għalih jirreferi l-isem*

Skont l-użanzi, wara l-qtugħ u t-tnixxif fix-xemx f'għalqa, il-ħuxlief jiġi imballat f'munzelli bi spag aħmar u abjad li jidentifika l-"Foin de Crau".

Il-ħuxlief intenzjonat biex jiġi mballat għandu jkollu livell massimu ta' umdità ta' 14 % u jkun inħażen għallanqas 60 ġurnata minn meta jkun sar il-ħsad.

Il-boroż jingħalqu permezz ta' sistema li ma tistax tiġi mbagħbsa u li ma tibqax attiva ladarba l-prodott jinfetaħ.

Il-boroż ma jinħażnux f'post umduż u fix-xemx. Il-boroż tal-ħuxlief ma jistgħux jibqgħu jiġu ċċirkulati fis-suq taħt id-DOP "Foin de Crau" jekk ikunu ilhom maħżuna għal iktar minn 6 xhur mid-data tal-imballaġġ fil-boroż.

L-imballaġġ tal-munzelli fil-boroż isir fiż-żona ġeografika. Dan ir-rekwiżit għandu l-objettiv li jħares kemm il-kwalità u kemm l-oriġini ġeografika tad-DOP "Foin de Crau": il-priżervazzjoni tal-karatteristiċi tal-prodott u speċjalment l-ispeċi tal-pjanti msemmija fil-punt 3.2. Fil-fatt, l-imballaġġ fil-boroż jirrikjedi ċertu maniġġar li jaf jippreżenta r-riskju li jelimina ċerti speċi (l-ispeċi l-iktar ħfief, bħax-xnien, jistgħu jispiċċaw trab u jiġu eliminati meta l-munzell tal-ħuxlief jinħatt u jingħadda mill-mina tar-riħ) tant li jimmodifika l-karatteristiċi tal-ħjut tal-ħuxlief (preżenza eċċessiva ta' trab). Dan ifisser li wieħed għandu jikkontrolla wkoll il-livell ta' umdità tal-ħuxlief fil-boroż u l-perjodu minimu ta' ħżin tal-ħuxlief wara l-ħsad, il-kundizzjonijiet neċessarji biex tkun żgurata l-maturazzjoni tal-ħuxlief u biex ikunu żgurati l-aqwa kundizzjonijiet għall-preżervazzjoni tal-prodott.

Il-verifika tal-konformità tal-prodott finali, b'mod partikolari f'dawk li għandhom x'jaqsmu l-ispeċi ta' pjanti, tirrikjedi għarfien espert tal-operaturi fis-settur li għandhom għarfien dettaljat tal-karatteristiċi u l-ispeċifiċitajiet tal-prodott.

Dwar il-garanzija tal-oriġini ġeografika tal-prodott, din il-kundizzjoni tnaqqas ir-riskju tas-sostituzzjoni jew tat-taħlit tal-prodott ma' ħuxlief ta' oriġini ġeografika oħra, li jista' jiżdied minħabba l-proċess meħtieġ biex jiġi mballat fil-boroż (tneħħija tar-rabta mal-post u l-identifikazzjoni tal-munzell, il-ħatt tal-munzell).

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott li għalih jirreferi l-isem*

Il-munzelli tal-"Foin de Crau" ikollhom spaga b'żewġ kuluri aħmar u abjad.

Kull lot ta' munzelli ta' ħuxlief kummerċjalizzat jiġi b'qoxra li tispeċifika dan li ġej:

— l-isem tad-denominazzjoni tal-oriġini "Foin de Crau" segwita mill-kliem "denominazzjoni tal-oriġini protetta";

— is-simbolu tal-Unjoni Ewropea għad-DPO.

— In-numru ta' identità tal-kummerċjant:

— in-numru tal-prodott;

— Is-sena u n-numra tal-qatgħa.

It-tikkettar tal-boroż jinkludi:

— l-isem u d-denominazzjoni tal-oriġini "Foin de Crau" segwiti mill-kliem "denominazzjoni tal-oriġini protetta"'

— is-simbolu tal-Unjoni Ewropea għad-DPO;

L-isem u d-denominazzjoni tal-oriġini "Foin de Crau" segwiti mill-kliem "denominazzjoni tal-oriġini protetta" huma obbligatorju fuq id-dokumenti ta' akkumpanjament u l-fatturi.

4. **Deskrizzjoni fil-qosor tal-limiti taż-żona ġeografika**

Il-"Foin de Crau" hu prodott fil-pjanura ta' Crau (dipartiment ta' Bouches-du-Rhône). Il-pjanura ta' Crau hi delta magħmula mill-blat antik ta' Durance, fit-Tramuntana tmiss mal-Alpilles, u mil-Lvant mal-għoljiet ta' Salon-de-Provence u l-vaska ta' Berre u mill-Punent mal-Grand Rhône.

Iż-żona ġeografika tad-denominazzjoni tal-oriġini "Foin de Crau" hi definita minn perimetru fuq ġewwa tal-muniċipalitajiet li jmissu mad-dipartiment Bouches-du-Rhône, koperta parzjalment minn: Arles, Aureille, Eyguières, Fos-sur-Mer, Grans, Istres, Lamanon, Miramas, Mouriès, Saint-Martin de Crau, Salon de Provence.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Ir-reġjun ta' Crau hu trijanglu b'iktar minn 51 000 ettaru fid-dipartiment ta' Bouches du Rhône. Jinsab bejn Arles mill-Majjistral, Lamanon mill-Grigal, Istres u Fos-sur-Mer min-Nofinshar. Għandu konfini mit-Tramuntana max-xagħri ta' Baux, il-kosta ta' Malacarcia u Alpilles, mil-Lvant mal-għoljiet mijoċene ta' Salon-de-Provence, Grans, Miramas, Istres u Fos-sur-Mer u max-xagħri tan-naħa tax-xellug tax-xatt tal-Grand Rhône mil-Lvant. Jikkonsisti mill-qiegħ antik tax-xmara torrenzjali Durance u hu ppreżentat bħala pjanura miksija biċ-ċagħaq, u qisu deżert.

Il-ħamrija hija ħamrija ħamra jew bil-ġebel kannella fuq qoxra, tinsab f'fond ta' ftit ċentimetri sa metru. Din il-ħamrija fiha ħama, tafal, u fil-biċċa l-kbira ġebel jew ċagħaq. Fil-wiċċ hija ddekalċifikata sew u ftit alkalinizzata. Iċ-ċagħaq ta' Crau fih saff li l-provvista tiegħu hija fil-biċċa l-kbira żgurata bit-tisqija tal-mergħat (massimu ta' 70 %).

Il-klima, tat-tip mediterranju, hija kkaratterizzata minn xtiewi ħfief, sjuf xotti u sħan, b'riħ qawwi u kważi xejn inżul tax-xita bejn ix-xahar ta' April u x-xahar ta' Ottubru. Ir-riħ ikun qawwi, speċjalment mill-Majjistral. Il-perjodu li fih tiżreġ ix-xemx hu iktarx eċċezzjonali. Il-mekkaniżmu ta' evaporazzjoni hu importanti ħafna.

Il-produzzjoni tal-"Foin de Crau" u l-prattiki tat-trobbija u tat-tisqija jmorru flimkien. L-iżvilupp tat-tisqija mis-seklu sitttax 'il hawn, oriġina mill-preżenza tal-mergħat naturali u permanenti fi Crau. Bejn l-1554 u l-1559, Adam de Craponne bena kanal li jwassal l-ilmijiet mid-Durance sa Salon, Eyguières u Istres. Kellhom ikunu r-riżerva ta' Serre-Ponçon u l-impjant idroelettriku ta' Durance minn Jannar 1955 biex bdew jirregolaw il-proċess tal-provista tal-kanali kollha ta' Basse Durance, u partikolarment ta' Crau. Minn dakinhar, Crau bbenefika minn provvista regolari ta' ilma.

Fl-1890, Eugène RISLER, professur u direttur tal-Institut National Agronomique à Paris, kiteb fix-xogħol tiegħu "Géologie agricole" (Paris, Berger-Levrault et Cie, librairie agricole): "ir-riżultati tal-ħolqien ta' dawn iż-żewġ kanali (Craponne u Alpines) kienu konsiderevoli. Dawn taw lok biex tinkiseb medda ta' art agrikola ta' kważi 20 000 ettaru. L-art misqija, iffurmata bi blokk sekwenzjali, li wasslu għal mergħat sbieħ li faċilment jieħdu 10 000 sa 11 000 kilogramm ta' ħuxlief kull ettaru. Dawn jagħtu kważi 3 qatgħat ta' ħuxlief aromatiku ta' stima tajba fi Provence, kif ukoll it-tieni qatgħa fix-xitwa li jirgħu l-mogħoż".

Il-ġestjoni tal-ilma għaqqdet lill-bdiewa għal sekli sħaħ fi strutturi ta' assoċjazzjonijiet. It-tisqija tal-mergħat issir permezz ta' tisqija bil-gravità permezz tal-għargħar għal bosta sigħat, skont it-torri tal-ilma li jkun ħafna drabi taħt il-kontroll tal-gwardja tal-kanali ("eygadiers").

Il-kontroll tal-fertilizzazzjoni bin-nitroġenu huwa importanti għaż-żamma tal-bilanċ floristiku tal-mergħat ta' Crau. L-inputs tan-nitroġenu huma limitati. Eċċess ta' dawn l-inputs iwasslu għal riskju li tabilħaqq jiġi msaħħaħ l-iżvilupp ta' ċerti ħxejjex li jistgħu jkunu ta' dannu għall-qamħ.

Ladarba jinqata', il-ħuxlief jinxef b'mod naturali fl-għalqa, fix-xemx, għal xi ġranet permezz tal-kundizzjonijiet meteoroloġiċi (fix-xemx, fir-riħ).

Il-ħuxlief imbagħad jitqiegħdu f'munzelli fl-għalqa u, ħlief f'każ ta' bejgħ "fl-għalqa" (jew "bil-karretta"), jinħażen dakinhar stess jew dakinhar li jsir il-ħsad sabiex ikun protett mix-xita u mill-umdità, Dawn il-kundizzjonijiet ta' ħżin jagħtu lok ukoll għal fermentazzjoni tajba (maturazzjoni) tal-ħuxlief.

Ir-raġħa fil-pjanura ta' Crau hija prattika antika li tinvolvi, kif xieraq, transumanza fis-sajf fl-Alpi. L-annimali (mogħoż, baqar, żwiemel) jiżguraw żieda fir-raġħa fit-tmiem tat-tielet qatgħa tal-ħuxlief. Jitilqu mill-mergħat ta' Crau fl-aħħar ta' Frar. Fil-każ ta' nuqqas ta' foraġġ li jirriżulta minn nuqqas ta' raġħa fil-"coussouls" ta' Crau, ir-rotot jew il-ħwawar tar-rebbiegħa, ir-raġħa fil-mergħat imsoqqija jkunu l-unika soluzzjoni ta' għalf għall-merħliet. Il-produtturi jistgħu jibdlu l-ewwel qatgħa ħuxlief bir-raġħa. Fil-każ ta' nuqqas ta' foraġġ fil-mergħat tal-muntanji għoljin, il-mogħoż iniżżlu t-transumanza fil-bidu ta' Settembru u jkollhom riżorsi mill-foraġġ għal dan il-perjodu tas-sena fejn ir-raġħa tal-mergħat ta' Crau jibdlu t-tielet qatgħa ħuxlief. Għaldaqstant, il-produzzjoni tal-"Foin de Crau" tista' ssir f'żewġ jew tliet qatgħat assoċjati ma' mergħa waħda jew tnejn skont il-ħtiġijiet mingħajr ma tiġi affettwata l-kwalità floristika tal-ħuxlief, sakemm ikun ġie rrispettat il-perjodu minimu impost bejn il-qtugħ u r-raġħa.

Hemm distinzjoni bejn il-"Foin de Crau" u l-ħuxlief ta' oriġini ġeografiċi oħra minħabba l-ispeċifiċità tal-kompożizzjoni floristika tiegħu. Il-"Foin de Crau" ġej mill-mergħat naturali permanenti komposti mill-anqas għoxrin foraġġ spontanju (ħaxix, legumi, komposti u oħrajn) u hu kkaratterizzat mill-preżenza sistematika ta' qamħ (Arrhenatherum elatius P. Beauv. ex J. Presl & C. Presl), ta' dekkuka (Dactylis glomerata L.), ta' xnien vjola (Trifolium pratense L.) u xnien abjad (Trifolium repens L.). Dan hu ħuxlief imnixxef b'mod naturali fix-xemx. Hu rinomat għar-riħa pjaċevoli tiegħu li tagħti palat qawwi ħafna. Il-"Foin de Crau" hu għalf li jista' jingħata liż-żwiemel tat-tiġrija u lill-baqar u lin-nagħaġ u lill-mogħoż tal-ħalib; hu magħruf li jippromwovi l-produzzjoni tal-ħalib li jkun fih ħafna xaħam.

Il-kwalitajiet tal-"Foin de Crau" ġejjin minn diversi fatturi li jinterferixxu bejniethom: L-ambjent naturali (klima, ħamrija) u fatturi umani (tisqija, tekniki tal-produzzjoni, rwol tal-merħliet, metodi ta' ħsad u konservazzjoni). It-tisqija bl-ilma tax-xmara Durance tagħti lok għall-kultivazzjoni mill-aqwa tal-pjanura ta' Crau. Tali provvista tal-ilma hija meħtieġa matul il-perjodu xott bejn April u Ottubru. Issir tisqija bil-gravità permezz tal-għargħar, tippermetti li ġġib fertilizzanti meħtieġa għall-mergħat, kalċifikazzjoni mill-ġdid tal-ħamrija u t-tafal u l-ħamrija biċ-ċagħaq li tinżel mal-ħama.

Il-klima mediterranja normalment tiġi mill-Majjistral. Kważi ma tinżel xejn xita bejn ix-xahar ta' April u x-xahar ta' Ottubru, tant li tiffaċilita il-produzzjoni tal-ħuxlief u dan ir-riħ xott inaqqas iż-żmien meħtieġ biex jinxef il-ħuxlief, tant li jnaqqas l-elementi nutrittivi tal-ħuxlief minħabba r-raġġi ultravjola.

B'mod li jimxi maċ-ċiklu tal-ħaxix, il-merħliet jitilqu mill-mergħat ta' Crau fl-aħħar ta' Frar sabiex iħallu l-ħaxix jikber qabel ma ssir l-ewwel qatgħa. Dan ir-raġħa hu ta' benefiċċju għall-manutenzjoni tal-mergħat.

Il-bilanċ tal-flora speċifika tal-mergħat naturali u permanenti ta' Crau jinkiseb u jinżamm permezz tal-interazzjoni tal-prattiki kollha tal-produzzjoni li ilhom jintużaw sekli sħaħ: tisqija, għarfien dwar il-fertilizzazzjoni, assoċjazzjonijiet tal-ħsad u tar-raġħa. Il-kwalità tal-ħuxlief hija priżervata permezz ta' metodi tradizzjonali ta' ħżin mgħaġġel mhux f'post umduż sakemm jiġi kkummerċjalizzat.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

https://info.agriculture.gouv.fr/gedei/site/bo-agri/document_administratif-a8a6d6ad-8ae0-488f-be94-22573ca44ae8/telechargement